**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 16 ta` Mejju 2017**

**Rikors Nru. 210/2017 JZM**

**In atti tar-rikors guramentat numru 108/17 JZM, u wara l-mandat ta` sekwestru numru 100/17 fl-ismijiet ta` :**

**Redeno Apap**
**Karta tal-Identita` numru 236280(M)**

**vs**

**Qormi Football Club**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezenta Qormi Football Club ["**l-ezekutat**"] fit-8 ta` Marzu 2017 fejn, ghar-ragunijiet li spjega, talab lill-qorti sabiex *tirrevoka l-mandat ta` sekwestru numru 844/14 fl-ismijiet premessi fit-totalita` tieghu jew parti minnu a tenur tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12, u jekk hoss il-htiega, tikkundanna lis-sekwestrant ghall-hlas ta` penali u/jew danni ai termini tal-artikoli 836(8) u (9) tal-istess Kapitalu 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Bl-ispejjez kollha kontra s-sekwestrant.*

Rat id-digriet taghha tat-13 ta` Marzu 2017.

Rat ir-risposta li pprezenta Redeno Apap [“**l-ezekutant**”] fl-24 ta` Marzu 2017 fejn, filwaqt illi rrefera ghall-gurisprudenza, fisser ir-ragunijiet tieghu ghaliex it-talbiet tal-ezekutant ghandhom jigu michuda.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta` Marzu 2017 fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-4 ta` Mejju 2017 f`nofsinhar.

Rat in-nota b`dokument li pprezenta l-ezekutant fid-29 ta` Marzu 2017.

Semghet ix-xiehda ta` Jesmond Aquilina fl-udjenza tal-4 ta` Mejju 2017.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat id-digriet li nghata fl-istess udjenza fejn ir-rikors thalla ghal provvediment in camera.

**Ikkunsidrat :**

Illi fil-qosor **Jesmond Aquilina** - President tal-Qormi Football Club – xehed illi sal-lum effett tal-mandat kienu kolpiti €27,000, li huma flus li sponsors ighaddu lill-Klabb. L-isponsers huma Dernis li hija ta` Tumas Group u Central Park Holding. Il-flus jintuzaw biex jithallsu l-pagi tal-players. Ma setax ighid jekk l-ammont kolpit kienx depozitat il-Qorti. Li jaf hu illi meta mar jistaqsi lill-isponsors ghall-flus dawn qalulu li l-flus li jaghtu kienu kolpiti bil-mandat de quo. Ikkonferma illi wiehed mid-diretturi ta` Tumas Group kien Vici-President tal-Klabb. Qal illi fl-2016, il-Klabb issellef €16,000 minghand terzi li skont il-ftehim kellhom jithallsu lura fi zmien tliet snin. Ikkonferma l-*audited accounts* ghas-sena li ghalqet 31 ta’ Dicembru 2015 huma esebiti a fol 240 tal-process kawza fil-mertu bejn il-partijiet. Fl-*audited accounts* taht t*hird party loans* hemm l-ammont ta’ €130,000, li ma jkoprix bissi s-self li ghamel Redeno Apap izda jinkludi self li sar minn haddiehor ukoll. Is-self ta` Apap kien ta` inqas minn €130,000. L-*audited accounts* imorru l-Malta Football Association.

**Ikkunsidrat :**

Illi qabel ma tqis it-talbiet, tajjeb jinghad illi l-ezami li trid taghmel il-Qorti ghandu jkun wiehed *prima facie.* (ara l-provvediment ta` din il-qorti diversament presjeduta tal-15 ta` Lulju 2015 : **“Conrad Borg vs De La Rue Currency Print Ltd et**”).

Fil-provvedimenti li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta` Mejju 2001 fil-kaz ta` "**Joseph Camilleri et vs Anthony Gove` et**" u fid-29 ta` Novembru 2001 fil-kaz ta` "**Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et**" inghad illi "*mid-dispozizzjoni tal-Artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta` prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta` procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*"

(ara wkoll *inter alia* l-provvedimenti li tat din il-qorti diversament presjeduta fis-27 ta` Gunju 2002 fil-kaz ta` "**Tanya Chetcuti pro et noe vs Hugo Chetcuti**" u fil-kaz ta` "**Stanley Desmond Stewart vs Therese Galea Mangion**" tad-29 ta` Lulju 2005).

**Ikkunsidrat :**

Illi ghall-fini tat-talba ghar-revoka tal-mandat, l-ezekutant qed joqghod fuq l-**Art 836(1)(f) tal-Kap 12** li jaqra hekk :-

*(1) Minghajr ebda preġudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodiċi jew kull liġi ohra, l-intimat li jkun inhareġ att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harġet l- att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l- att kawtelatorju jiġi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin :*

…

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieġ jew ġustifikabbli.*

Dwar din id-disposizzjoni, din il-Qorti diversament presjeduta fil-provvediment tat-30 ta` April 2015 fil-kaz "**Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et**" qalet :-

*" … gie kostantament ritenut mill-Qrati taghna, ad ezempju, din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "**Spiteri v Darmanin**" - (PA/JRM) dec. fil-25 ta` Awwissu 2010 :*

*'Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh ( Ara P.A. GC 3.8.2001*

*fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "**<u>Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et</u>**'.*

*Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z- zamma fis-sehh tal-Mandat issam`ghadux il-kaz"*

Sabiex it-talba tirrizulta attwabbli hemm bzonn illi l-ezekutat jipprova li kien hemm bidla sostanzjali fic-cirkostanzi wara l-hrug tal-mandat.in dizamina mid-data li fiha inhareg il-mandat de quo.

Fil-provvediment ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-10 ta` Awissu 2012 fil-kaz ta` "**<u>Jamar Malta Limited vs Office Group Limited</u>**" inghad hekk :–

*"Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, ilkwestjoni ta` jekk huwiex ragonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din ittifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta` Jannar 1992. "**<u>Spiteri vs Camilleri</u>**" ; PA. RCP. 30 ta` Mejju 2002. "**<u>Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona</u>**" ; u PA. GC. 3 ta` Awissu 2001. "**<u>Fenech noe vs Spiteri noe et</u>**")."*

Fl-istess sens kien il-provvediment ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-17 ta` Marzu 2014 fil-kaz "**<u>James Alexander Cook et vs Erdin Hartoka et</u>**" u dak tat-22 ta` Ottubru 2015 fil-kaz ta` "**<u>George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et</u>**".

Effettivament ghandu jirrizulta li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi li jwassal lill-qorti biex tiddeciedi li mandat li fil-bidu kien ragjonevoli jew gustifikabbli, in segwitu ma baqax.

Issa fil-kaz tal-lum l-ezekutat qieghed isostni li huwa klabb tal-footbal mhux entita` kummercjali. Ighid illi jekk il-mandat jibqa` fis-sehh, huwa ma jkunx jista` jkompli jopera ghaliex ma jkunx jistghu jithallsu l-pagi tal-players. Jinghad ukoll illi l-mandat qieghed jeffettwa dawk kollha li jew jaghmlu

volontarjat ghall-klabb, jew dawk il-persuni jaghmlu donazzjonijiet jew li jisponsorizzaw il-klabb. Ghalhekk se jkun difficli hafna li l-klabb ikompli bil-hidma tieghu. Jekk ic-cirkostanzi jwasslu sabiex il-klabb ikollu jaghlaq, allura dan ikun fatt li mhu sejjer jivvantaggja lil hadd komprizi l-ezekutant.

Tajjeb jinghad illi skont l-**<u>Art 4(d) tal-Kap 249</u>** : *"l-espressjoni 'persuna' tinkludi ghaqda jew korp iehor ta' persuni, sew jekk l-ghaqda jew dak il-korp ikunu persuna guridika skont id-disposizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodici Civili, sew jekk le."*

Ghalhekk l-ezekutat ghandu personalita` guridika distinta mill-membri u jista` jigi mharrek u jaghmel kuntratti (ara : PA – 31 ta` Mejju 2005 - **<u>Francis Busuttil & Sons Limited vs Saviour Cacciatolo)</u>**

Fir-rikors l-ezekutat ghamel esposizzjoni in generali tac-cirkostanzi li allegatament qieghed fihom, izda din wahedha ma tistax twassal ghal prova *prima facie.*

Mill-atti l-Qorti ma ssib l-ebda argument sostenibbli li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi li jista` jwassalha biex tikkonkludi li l-mandat ma baqax ragonevoli jew gustifikabbli bhal ma kien fil-bidu meta hareg.

L-argumenti li gab 'il quddiem l-ezekutat jinvolvu analizi tal-fatti u tac-cirkostanzi li ma tistax issir fi procediment sommarju bhal dak tal-lum.

Ix-xiehda ta` Jesmond Aquilina ghall-fini tal-procediment tal-lum ma twassalx sabiex tissodisfa r-rekwiziti tal-Art 836(1)(f) billi ma rrizultax lanqas sal-livell ta` *prima facie* dak illi d-disposizzjoni tirrikjedi.

Ghalhekk it-talba ghar-revoka tal-mandat qeghda tkun respinta.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-ezekutat talab l-applikazzjoni tal-Art 836(8) u (9).

Illi l-Qorti ghandha diskrezzjoni ghal li qed jintalab mill-ezekutat, kif del resti jirrikonoxxi l-ezekutat stess fil-mod kif kienet impostata t-talba.

Illi l-iskop ghall-applikazzjoni hija materja ta` ordni pubbliku fis-sens illi l-ligi trid tizgura illi minn naha wahda l-kreditur ikun jista` jqieghed il-kreditu tieghu fiz-zgur billi jipprevalixxi mill-jedd li taghti l-ligi stess li jitlob il-hrug ta` mandat kawtelatorji u min-naha l-ohra jtizgura serjeta` fil-process gudizzjarju billi ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b`abbuz.

Illi fejn tkun tirrizulta l-impronta tal-abbuz, abbazi tal-fatti u cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ghandha s-setgha li tintervjeni.

Illi fil-kaz tal-lum mhijiex tara r-ragunijiet li jirriflettu l-hsieb tal-legislatur kif applikat fil-gurisprudenza li jwassluha sabiex tezercita d-diskrezzjoni taghha kif talab l-ezekutat. Del resto, il-qorti trid timxi fuq il-massima li l-bona fede hija prezunta u li l-hazen irid jigi ppruvat (App. Civ **7.7.1920** fil-kawza fl-ismijiet **Miller Blacker pro et noe vs Howard** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554)**

Ghalhekk din it-talba qeghda tkun respinta wkoll.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet tar-rikorrent/ezekutat.**

**L-ispejjez tal-provvediment tal-lum jibqghu riservati ghall-gudizzju finali dwar il-mertu.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**